MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 86/2007

**Mario Said**

**Vs**

**Carmen mart Carmel Farrugia, Peter Paul Said, Joseph Said, Anthony Said, Alfred Said, Tarcisio Said, Michael Said, Georgina mart Spiru Formosa u Joseph Camilleri**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jsir il-qsim tal-wirt tal-genituri tal-kontendenti, Joseph u Michelina konjugi Said. M’hemmx kontestazzjoni li l-werrieta taghhom huma l-partijiet f’sehem ugwali ta’ parti minn disgha (1/9).

Fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2009 (fol. 97) l-attur iddikjara li *“...f’din il-kawza li jinteressah hu li jiehu s-sehem li jispetta lilu mill-fond 22, Triq Madonna ta’ Fatima, Nadur, Ghawdex u dan limitatament ghall-valur ta’ l-art.”*. Mill-provi rrizulta li permezz ta’ kuntratt:-

(a) Tat-30 ta’ Dicembru 1952 pubblikat fl-atti tannutar Dr Giuseppi Cauchi, Joseph Said akkwista l-utile dominju perpetwu ta’ porzjon art fil-kuntrada Tal-Gebel l-Ahmar mgharufa Ix-Xaghri ta’ Xirxew tal-kejl ta’ cirka siegh.
(b) Tas-7 ta’ Novembru 1962 fl-atti tan-nutar Dr Antonio Galea, Michaelina Said kienet ittrasferiet lil bintha 19/20 parti ndiviz mill-utile dominju perpetwu bhala dota (fol. 33). L-intjier kien stmat fis-somma ta’ £48.6,4. Michaelina Said dehret f’isimha personali u f’isem uliedha wara digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Settembru 1962 (fol. 47) li permezz tieghu giet awtorizzata tittrasferixxi tali sehem. Mill-att jirrizulta li dehret ukoll f’isem l-attur u l-kontendenti l-ohra.
(c) Tad-29 ta’ April 1982 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 31), Michelina Said iddikjarat li peress li bintha kienet ghamlet 5 snin tghinha finanzjarjament fi zmien meta t-testatrici kellha tfal zghar: *“....it-testatrici trid u tordna illi l-imsemmija bintha Carmela Farrugia ma tkunx obbligata tikkonferixxi fl-assi ereditarji tat-testatrici l-immobbli fuq imsemmi – kif ukoll l-anqas tkun obbligata tikkonferih fl-assi ereditarji ta’ missierha l-mejjet Giuseppe Said.”*.
(d) Tas-26 ta’ Jannar 1990 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani, Carmen Farrugia xtrat id-dirett dominju.

Permezz ta’ nota prezentata fit-12 ta’ Jannar 2010 (fol. 99) l-attur iddikjara li *“jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-qorti u jiddikjara li f’dan l-istadju ma ghandu l-ebda provi ohra, jew atti xi jressaq.”*.

Fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2009 gie verbalizzat: *“Il-Qorti tordna, f’dan l-istadju, li tinghata sentenza parzjali dwar jekk l-art li fuqha nbena l-fond 22, Triq Madonna ta’ Fatima, Nadur, ghandux ikun hemm il-kollazzjoni min-naha ta’ Carmen Farrugia u/jew tidhol fl-assi ereditarji.”*.

M’hemmx dubju li l-utile dominju li akkwistat Carmen Farrugia ma jistax jifforma parti mill-assi ereditarji ta’

Joseph u Michaelina konjugi Said u wisq anqas issir kollazzjoni, in kwantu:-

(a) Michaelina Said ittrasferiet is-sehem li seta' kellha in forza tal-att li sar fis-7 ta' Novembru 1962 pubblikat min-nutr Dr Antonio Galea u fit-testment li ghamlet fid-29 ta' April 1982 ordnat li ma jkunx hemm kollazzjoni;

(b) Is-sehem li kellu Joseph Said ghadda fuq uliedu meta miet, liema sehem gie trasferit bl-awtorizazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Ma jirrizultax li xi hadd mill-kontendenti ghamel xi kawza fejn impunja l-validita tad-digriet tat-12 ta' Settembru 1962.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddikjara li l-utile dominju perpetwu li akkwistat Carmen Farrugia fuq l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali taghha u ta' zewgha Carmel Farrugia, ma ghandux jifforma parti mill-assi ereditarji ta' Joseph u Michaelina konjugi Said u lanqas issir xi kollazzjoni. Spejjez jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------